**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 958/15**

**Illum, 13 t'April, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Raymond Vassallo detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 181152(M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Raymond Vassallo li gie akkuzat talli:

1. Bejn l-24 ta' Lulju, 2009 u l-24 ta' Lulju, 2014, fl-Armier limiti Mellieha, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala l-*account holder* tal-arlogg tad-dawl fl-istabbiliment maghruf bhala Ray's Lido, Triq l-Armier iz-Zghir, limiti Mellieha, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter, ikkommetta serq ta' elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, bil-hin u bil-mezz ta' valur u cioe' ta' circa €73,862.73 Euro ai termini tal-artikoli 18, 261, 263, 264(1)(2), 267, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali.

> Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-parte leza, u cioe' il-kumpanija Enemalta, iddikjarat li ma baqghala ebda pendenza rigward dan il-kaz u ghalhekk kienet qed tirrinunzja minghajr rizerva ghall-passi kriminali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 283A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara procediment ezawrit.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**